



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Novembru 2021
(OR. en)

14212/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0108(COD)**

LIMITE

**COPEN 409
JAI 1280
CYBER 305
JAIEX 127
ENFOPOL 461
TELECOM 427
DATAPROTECT 265
EJUSTICE 101
MI 875
CODEC 1520**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Regolament dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika - Rapport ta' progress

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness rapport ta' progress dwar in-negozjati dwar il-proposta għal Regolament dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika.

Introduzzjoni

Filwaqt li tibni fuq il-kisbiet tal-Presidenza Portugiża, sa mill-bidu tal-mandat tagħha, il-Presidenza Slovena għamlet sforzi sostanzjali biex tagħmel progress f'dan il-fajl . Billi ċ-ċiberspazju qed isir dejjem aktar rilevanti, l-istabbiliment ta' mekkaniżmu effettiv u affidabbli li jipprovdi għal strutturi u salvagwardji ċari għall-kisba ta' evidenza elettronika huwa ta' importanza kbira għall-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż l-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet ġudizzjarji, il-fornituri ta' servizzi u l-persuni affettwati minn tali trasferimenti. Dan ser ikun ukoll essenzjali għal kooperazzjoni effettiva ma' pajjiżi terzi sħab tal-Unjoni.

F'dan is-sens, ir-raba' trilogu politiku dwar dan il-fajl sar fid-9 ta' Lulju. Il-leġiżlaturi ħadu nota tal-progress li sar u ddiskutew l-aktar aspetti importanti ta' xi wħud mill-kwistjonijiet pendenti ewlenin, mingħajr ma laħqu l-ebda qbil. Huma qablu li jiffukaw l-iskambji tagħhom fuq ir-reġim ta' notifika previst fl-abbozz ta' Regolament, minħabba r-rwol ċentrali tiegħu fl-iżgurar kemm tal-effettività tal-istrument innifsu kif ukoll tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Il-leġiżlaturi qablu wkoll li kompromess dwar reġim ta' notifika xieraq jista' jinkiseb biss bħala parti minn pakkett usa' li jinkludi kwistjonijiet importanti oħra marbuta mar-reġim ta' notifika, bħar-regoli dwar l-applikazzjoni tar-raġunijiet għar-rifjut ta' eżekuzzjoni ta' ordni ta' produzzjoni u l-konsegwenzi tagħhom, kif ukoll ir-regoli dwar l-informazzjoni għall-utent u r-rimedji disponibbli għall-persuna li d-data tagħha tkun mfittxija permezz ta' ordni ta' produzzjoni.

Qafas ta' negozjati mal-Parlament Ewropew

Minħabba l-ħtieġa maqbula li jinstab pakkett ta' kompromess dwar ir-reġim ta' notifika, u ċ-ċirkostanza li l-leġiżlaturi kellhom pożizzjonijiet diverġenti b'mod sostanzjali dwar il-kwistjonijiet rilevanti, abbażi tal-kontribut mill-Istati Membri, matul il-mandat tagħha l-Presidenza ffukat fuq diskussjonijiet tekniċi mat-tim tan-negozjati tal-Parlament. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni f'Materji Kriminali (COPEN) ġie infurmat regolarment dwar is-sitwazzjoni attwali u dwar kwistjonijiet diskussi mal-Parlament. Id-diskussjonijiet fil-COPEN għamluha possibbli li jintlaħaq kunsens fi ħdan il-Kunsill dwar il-possibbiltajiet ta' negozjati u l-linji ħomor fi ħdan il-pakkett usa' dwar ir-reġim ta' notifika. L-isforzi kontinwi tal-Presidenza għalhekk saħħew il-pożizzjoni ta' negozjar tal-Kunsill b'mod konsiderevoli.

Id-diskussjonijiet mal-Parlament saru f'atmosfera tajba ħafna ta' rispett u fiduċja reċiproċi u ppermettew lit-timijiet tan-negozjati jagħmlu progress sostanzjali f'termini ta' fehim tal-pożizzjonijiet ta' xulxin u d-definizzjoni tal-istrutturi ewlenin ta' pakkett ta' kompromess possibbli. Madankollu, ma kienx possibbli li jintlaħaq qbil dwar l-aspetti ewlenin tal-pakkett ta' kompromess previst.

L-aktar aspetti importanti

B'kunsiderazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka, l-isfida ewlenija fin-negozjati hija marbuta mal-ħtieġa li jintlaħaq bilanċ bejn li, minn naħa waħda, jiġi żgurat mekkaniżmu effettiv għall-kisba ta' evidenza elettronika f'materji kriminali u li, min-naħa l-oħra, jiġi salvagwardjati d-drittijiet fundamentali ta' persuni li d-data tagħhom tkun mfittxija. Fil-prinċipju, iż-żewġ leġiżlaturi jaqblu dwar din il-ħtieġa. Fit-twettiq ta' tali eżerċizzju biex jintlaħaq bilanċ, id-dibattitu dwar ir-reġim ta' notifika xieraq għal kategoriji differenti ta' data u l-kwistjoni relatata mill-qrib tar-raġunijiet għal rifjut kien ta' importanza ċentrali.

Id-differenza ewlenija bejn il-leġiżlaturi fir-rigward tal-obbligi ta' notifika tikkonċerna r-rwol rispettiv tal-istati involuti fil-proċeduri tal-ordni ta' preservazzjoni jew ta' produzzjoni. Il-Kunsill jibni l-pożizzjoni tiegħu fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka u regoli li japplikaw fiċ-ċiberspazju, u jqis li l-istat emittenti għandu jkollu r-responsabbiltà ewlenija li jiżgura proċess ġust u li jissalvagwardja d-drittijiet fundamentali ta' kwalunkwe persuna li d-data tagħha tkun intalbet b'ordni. L-approċċ ġenerali jinkludi regoli dettaljati f'dan is-sens. Madankollu, il-Parlament jixtieq jagħti lill-istat ta' infurzar jew ta' eżekuzzjoni setgħat sostanzjali biex jissorvelja l-ordnijiet kollha indirizzati lejn fornitur ta' servizz li huwa, jew li r-rappreżentant legali tiegħu jkun jinsab fit-territorju tiegħu.

Għal maġġoranza kbira tal-Istati Membri, sistema bħal din mhijiex aċċettabbli. L-ewwel nett, obbligu ta' notifika globali joħloq piż amministrattiv li ma jkunx jista' jiġi ġestit għall-istat ta' infurzar jew ta' eżekuzzjoni, peress li fil-prattika dan l-istat probabbilment ikollu jivvaluta kull ordni indirizzata lil fornitur ta' servizz jew lir-rappreżentant legali tiegħu li jkun jinsab fit-territorju tiegħu. It-tieni nett, sistema bħal din ma tqisx il-karatteristiċi tal-komunikazzjoni diġitali u ċ-ċiberspazju, li huma differenti ħafna mill-ambjent li jdur madwar l-istrumenti tradizzjonali ta' assistenza legali reċiproka. It-tielet nett, ir-regoli proposti mill-Parlament jistgħu jfissru li f'xi każijiet, ir-Regolament ikun inqas effettiv minn strumenti u miżuri eżistenti, bħas-sistemi attwalment eżistenti ta' kooperazzjoni volontarja ma' fornituri ta' servizzi minn Stati terzi. Il-valur miżjud tar-Regolament imbagħad ikun estremament limitat.

Madankollu, il-Kunsill irrikonoxxa t-talbiet tal-Parlament u offra li jagħmel ċerti konċessjonijiet, li fis-sustanza jkun ifisser li l-istat ta' infurzar jew ta' eżekuzzjoni jkollu possibbiltajiet akbar li jipproteġi – minbarra l-protezzjoni diġà żgurata fl-Istat emittenti – id-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati f'ċerti ċirkostanzi. Madankollu, il-Parlament qies dawn il-konċessjonijiet bħala insuffiċjenti.

Kwistjonijiet pendenti oħra inklużi fil-pakkett ta' kompromess tentattiv, li l-Presidenza hija fiduċjuża li fl-aħħar mill-aħħar jistgħu jinstabu soluzzjonijiet għalihom bħala parti minn kompromess ġenerali, jinkludu:

- il-lista ta' raġunijiet għal rifjut, li magħha l-Parlament jixtieq iżid elementi ma' dawk proposti mill-Kunsill;
- is-sustanza tad-dritt għal rimedji fl-istat emittenti u dak ta' infurzar jew ta' eżekuzzjoni;
- is-sustanza tad-dritt ta' persuna li tiġi infurmata li nħarġet ordni li titlob id-data tagħha u d-data miksuba, b'mod partikolari rigward f'liema stadju tal-proċedimenti jirriżulta tali dritt.

Konklużjoni

Il-Presidenza tinnota li l-Kunsill offra li jagħmel konċessjonijiet sostanzjali lill-Parlament bil-ħsieb li jintlaħaq qbil, filwaqt li jinsisti dwar xi karatteristiċi ewlenin tal-Approċċ Ġenerali, b'mod partikolari l-hekk imsejjaħ kriterju ta' residenza li jiżgura li f'dawk il-każijiet fejn il-persuna li tkun mfittxija d-data tagħha tkun tirrisjedi fit-territorju tal-istat emittenti n-notifika tal-istat ta' infurzar jew ta' eżekuzzjoni mhijiex meħtieġa. S'issa dawn il-konċessjonijiet ma tqisux bħala biżżejjed mill-Parlament.

Minkejja l-konċessjonijiet offruti mill-Parlament, il-Presidenza tqis li ż-żewġ partijiet għandhom jagħmlu sforzi addizzjonali biex jilhqqu compromess dwar dan il-fajl importanti ħafna. Madankollu, ma għandux jintlaħaq compromess askapitu li jinkiseb strument żbilanċjat u ineffiċjenti, li jillimita b'mod konsiderevoli l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri f'dan il-qasam. Il-valutazzjoni tal-Presidenza hija li dan ikun il-każ jekk uħud mill-proposti tal-Parlament kellhom jiġu inklużi fit-test finali tar-Regolament.

Huwa essenzjali li r-Regolament jiġi adottat u implimentat fil-futur prevedibbli. Il-Presidenza hija fiduċjuża li dan xorta ser ikun possibbli jekk il-leġiżlaturi jkomplu bl-isforzi tagħhom biex isibu soluzzjonijiet effettivi għall-kwistjonijiet pendenti kollha fl-atmosfera kooperattiva li nbniyet s'issa matul in-negożjati.